

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 279/2009****tas-6 ta' April 2009**

**li jemenda l-Anness II għad-Direttiva 2005/36/KΕ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifikati professjonali**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2005/36/KΕ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifikati professjonali<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(c)(ii) tagħha,

Billi:

- (1) Is-Slovakkja resqet talba motivata biex issir emenda fl-Anness II għad-Direttiva 2005/36/KΕ. Talbet li tiżidied il-professjoni ta' tekniku dentali ("zubný technik"), li tisso-disfa l-kundizzjonijiet ipprovdu bl-Artikolu 11(c)(ii) tad-Direttiva 2005/36/KΕ, kif huwa evidenti mir-Regolament tal-Gvern Nru 742/2004 Coll. dwar il-kwalifikati professjonali tal-professjonisti tas-saħħa.
- (2) Id-Danimarka resqet talba motivata biex isiru emendi fl-Anness II għad-Direttiva 2005/36/KΕ. Talbet li mill-Anness II għad-Direttiva 2003/36/KΕ titneħħa l-professjoni ta' optometrista ("optometrist") li l-livell tagħha ntrefa' għal dak ta' diploma, kif provdut bl-Artikolu 11(d) tad-Direttiva 2005/36/KΕ, u li għalhekk ma jaqdix ir-rekwiżi tal-Artikolu 11(c)(ii) ta' dik id-

Direttiva. Id-Danimarka talbet ukoll li mill-Anness II għad-Direttiva 2003/36/KΕ jitneħħew il-professjonijiet ta' tekniku tal-ortopedija ("ortopaedimekaniker") u ta' skarpan taż-żraben u l-butżx ortopediċi ("ortopædiskomager"), li ma għadhomx regolati fid-Danimarka.

(3) Id-Direttiva 2005/36/KΕ għalhekk għandha tiġi emendata skont dan.

(4) Il-miżuri provdu f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għar-rikonoxximent tal-kwalifikati professjonali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

**Artikolu 1**

L-Anness II għad-Direttiva 2005/36/KΕ huwa emendat kif stipulat fl-Anness għal din id-Direttiva.

**Artikolu 2**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 6 ta' April 2009.

*Għall-Kummissjoni**Charlie McCREEVY**Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22.

## ANNESS

L-Anness II għad-Direttiva 2005/36/KE huwa emendat kif ġej:

1. Fil-punt 1, taħt l-intestatura “fis-Slovakkja” għandu jiżdied dan li ġej:

“— tekniku dentali (‘zubný technik),

li tirrappreżenta edukazzjoni u taħriġ ta' għall-anqas 14-il sena, inklużi 8 jew 9 snin ta' edukazzjoni primarja, 4 snin ta' edukazzjoni sekondarja u warajhom sentejn edukazzjoni postsekondarja fi skola sekondarja tal-kura tas-saħħha, ikkompletati b'eżami teoretiku u prattiku fil-livell taċ-Ċertifikat Ġenerali tal-Edukazzjoni (maturitné vysvedčenie).”

- (2) Fil-punt 2, għandhom jitħassru l-intestatura “fid-Danimarka” kif ukoll l-entrati għad-Danimarka.
-